# TAGĦRIF STORIKU

## L- EWWEL PAWLIST

L- Ewwel resident ta' Paola, u għalhekk l- ewwel Pawlist kien Is- Sultan De Paule li żamm għalieħ ix- xgħara kollha ta kordin għal kaċċa, li kien il- passa temp tiegħu, u biex ħadd ma jitħol f' din ix- xgħara tellgħa żewġ pilastri fil- bidu tal- mogħdija li tagħti għal Kordin u li tiġi fit- telgħa ta' Għajn Dwieli, imsejħin " Bieb Is- Sultan".



*Il- Qabar tal- G.M. Fra Ant. De Paule*

Dan l- ewwel Pawlist kellu probabbli il- palazz fejn kien hemm il- loġġia. L- stil u l' kobbor ta; dan il-palazz kien jidomina biebkbir fin- nofs imdawwar, bit- taraġ reali, u ma ġembu żewġ bieben oħra li jagħtu għal kmamar laterali, bil- parapetti quddiemhom. Imbgħad tiġi fil- loġġia, u terġa mal ġemb ta' din kien hemm bieb kbir u żewġ bieben oħra. B' hekk il-loġġia kienet tiġi bejn żewġt id- djar ta' lis- stess ġmiel, still u għamla, li fuq wara kellhom gonna kbar. F' nofs is- saqaf tal- Loġġia kien hemm arma, skolpita fil- gebel, bil- pagun bir- ronda, li hu d- distintiv ta' lis- stemma tas- Sultan De Paule, u fil- faċċata ta' Triq il- Loġġia, kien hemm arma oħra, w din kienet tinsab maz- zokklatura tal- pilastru tan- nofs fil- hajt li kien izomm fuq zewg arkati kbar, li kienu miksija ħgieg kulurit. Ma gemb din l' arma kien hemm zewgt klieb tal- kaċċa mindudin.

Dnub li ir- Re Gorg III tal- Ingriterra, bniedem miġnun, kien ordna lil Gvernatur Maitland fl- 1814 biex jitneħħew l' armi kollha minn kullimkien, b' hekk minħabba s- sultan miġnun, ma nafux il- post propju ta' fejn kien il- palazz tal- ewwel Pawlist.

IL- FESTA TAJBA, PAWLISTI

Joseph Zammit